

Brussell, 24 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)

13994/22

CLIMA 540  
ENV 1062  
ONU 126  
DEVGEN 195  
ECOFIN 1088  
ENER 535  
FORETS 105  
MAR 196  
AVIATION 262

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 24 ta' Ottubru 2022

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 13735/1/22 REV 1

---

Suġġett: Thejjiġa tal-laqgħa tas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP27) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Sharm El-Sheikh, l-Eġittu, 6-18 ta' Novembru 2022)  
– Konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fit-3903 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ottubru 2022.

**Tħejjijiet għas-27 Konferenza tal-Partijiet (COP27)  
tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)  
(Sharm El-Sheikh, 6–18 ta' Novembru 2022)**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

**L-URĠENZA TAL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA**

1. JESPRIMI T-TĦASSIB SERJU TIEGĦU dwar l-intensità u l-frekwenza dejjem akbar ta' eventi ta' temp estrem, li jinkludu mewġiet ta' sħana, nirien fil-foresti u għargħar, madwar id-dinja u JISĦAQ fuq l-urġenza estrema li jissaħħa ir-rispons globali biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika minħabba t-theddida diretta u eżistenzjali tagħha għall-umanità, l-ekosistemi u l-bijodiversità, li toqot lil kull pajjiż u lil kull reġjun. JISSOTTOLINJA l-opportunitajiet li azzjoni ambizzjuża dwar il-klima ġġib magħha mhux biss għall-pjaneta u l-ekonomija globali iżda wkoll għan-nies, f'dak li għandu x'jaqsam ma' standards tal-għajxien aħjar, saħħa, impjiegi deċenti, sistemi tal-ikel sostenibbli, u prezzijiet tal-enerġija affordabbli. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji u soċjetajiet sostenibbli reżiljenti għall-klima, li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura.
2. JIKKUNDANNA bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, li tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u li qed tikkawża mhux biss telf kbir ta' ħajjiet u effetti negattivi fuq is-saħħa inkluż lill-popolazzjoni ċivili iżda wkoll ħsara immedjata lin-natura u degradazzjoni ambjentali fit-tul, li qed toħloq riskju għas-sikurezza nukleari, u qed twassal għal dewmien fl-azzjoni tant meħtieġa dwar it-tibdil fil-klima. JISĦAQ li din il-gwerra għandha effetti sekondarji serji fuq l-enerġija u s-sigurtà tal-ikel minbarra li ddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà globali, u li għandha tiġi indirizzata b'mod urġenti u deċiżiv mill-komunità internazzjonali.

3. JESPRIMI l-apprezzament qawwi tiegħu għall-ħidma mwettqa mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u l-kontributi tat-tliet Gruppi ta' Ħidma (WG) għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni (AR6).<sup>1</sup> ITENNI s-sejbiet ewlenin tal-AR6 tal-Grupp ta' Ħidma I, li l-iskala tat-tibdil fil-klima fil-ġejjieni tiddependi fuq l-emissjonijiet futuri, u li t-tisħin globali jista' biss jiġi limitat għal 1.5 °C, jekk minnufih isir tnaqqis qawwi u sostnut fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra (GHG) fid-deċennji li ġejjin sabiex l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jilhqqu zero netti sal-2050 jew għal dik il-ħabta. IFAKKAR fil-ħtieġa urġenti li tiżdied minnufih l-ambizzjoni ta' mitigazzjoni globali, abbażi tal-aqwa xjenza disponibbli, biex l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jitnaqqsu bin-nofs sal-2030, meta mqabbla mal-2019. JINNOTA bi tħassib is-sejbiet tal-aħħar rapport dwar l-Istat tal-Klima Globali tal-2021 tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija, li indikaturi klimatiċi ewlenin bħat-temperatura globali, il-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet serra u l-kontenut tas-sħana tal-oċeani qed ikomplu jiżdiedu mingħajr ebda sinjal ta' waqfien.
4. IFAKKAR fis-sejbiet ewlenin tal-AR6 tal-Grupp ta' Ħidma II, fosthom li (i) it-tibdil fil-klima diġà qed ikollu impatt mifruq fuq id-dinja tagħna, li qed ipoġġi l-ħajjiet u l-għajxien friskju – speċjalment għal dawk l-aktar vulnerabbli (aktar minn nofs il-popolazzjoni dinjija u l-ekosistemi l-aktar vulnerabbli diġà huma affettwati mit-tibdil fil-klima), li (ii) l-isforzi ta' adattament naqqsu xi vulnerabbiltajiet klimatiċi, iżda diġà ntlaħqu xi limiti ta' adattament, u inevitabbilmment xi oħrajn ser jintlaħqu fil-futur qrib, u li (iii) l-adattament irid javvanza mill-aġġustamenti inkrementali attwali għal approċċi ppjanati u sistemiċi, li jindirizzaw diversi riskji tat-tibdil fil-klima flimkien ma' fatturi ewlenin mhux klimatiċi.
5. JENFASIZZA s-sejbiet tar-rapport tal-AR6 tal-Grupp ta' Ħidma III li juru li għandna opzjonijiet f'kull settur biex l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jitnaqqsu mill-inqas bin-nofs sal-2030. JISSOTTOLINJA l-opportunitajiet u l-vantaġġi ekonomiċi u soċjetali tal-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih għall-pajjiżi kollha. L-investimenti fl-innovazzjoni u fl-impjiegi ekoloġiċi huma prekondizzjoni għal tranżizzjoni ġusta u ekwa lejn mudell ġdid ta' ekonomija ekoloġika.

---

<sup>1</sup> <https://www.ipcc.ch/assessment-report/ar6/>

6. JAGĦRAF l-appelli qawwija tas-soċjetà ċivili, speċjalment miż-żgħażaġh, għal azzjoni aktar ambizzjuża dwar il-klima, filwaqt li titqies l-ekwità interġenerazzjonali, u l-ħtieġa li tiġi stabbilita tranżizzjoni ekoloġika ta' benefiċċju soċjali li tqis il-ħtiġijiet taċ-ċittadini; f'dan il-kuntest JIRRIKONNOXXI l-importanza tal-parteċipazzjoni pubblika u l-involvement attiv kif ukoll l-aċċess għall-informazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima.

## **IT-TISĦIĦ TAL-AZZJONI, L-AMBIZZJONI U L-APPOĠĠ**

7. Qabel il-COP27, ITENNI li l-impenn internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli huwa kruċjali biex jinkisbu riżultati ta' suċċess fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima
8. JAGĦRAF li l-Partijiet, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, għandhom jirrispettaw, jippromwovu u jikkunsidraw l-obbligi rispettivi tagħhom b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għas-saħħa, id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli, id-drittijiet tal-popli indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-migranti, it-tfal, il-persuni b'diżabbiltajiet u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiĦ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-ekwità interġenerazzjonali. ITENNI li l-UE tibqa' impenjata lejn dawn il-valuri.
9. JENFASIZZA li, kollettivament, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) u l-aġġornamenti tagħhom, inkluż dawk imħabbra fil-COP26, qabilha u warajha, mhumiex biżżejjed. IFAKKAR li l-Partijiet kollha ntalbu jeżaminaw mill-ġdid u jsaħħu l-miri għall-2030 fil-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs) tagħhom kif meħtieġ biex jallinjaw ruħhom mal-għan tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sa tmiem l-2022. JAPPELLA, għalhekk, lill-Partijiet kollha biex iressqu miri u politiki ambizzjużi, u JĦEĠĠEĠ b'mod partikolari ekonomiji ewlenin biex jeżaminaw mill-ġdid u jsaħħu l-NDCs tagħhom fil-ħin għall-COP27, u biex jippreżentaw jew jaġġornaw l-istrateġiji fit-tul għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra (LT-LEDS) biex jintlaħaq l-għan ta' emissjonijiet zero netti sal-2050. JENFASIZZA bi tħassib serju li l-ambizzjoni globali trid tiżdied b'mod sostanzjali sabiex jibqa' possibbli li l-objettiv ta' 1.5 °C jintlaħaq, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

10. JISSOTTOLINJA li kemm l-ambizzjoni kif ukoll l-azzjoni huma essenzjali, f'dan id-deċennju kritiku, biex tiġi żgurata l-kredibbiltà tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u tintlaħaq in-newtralità klimatika b'mod sostenibbli, u JĦEĠĠEĠ lill-Partijiet kollha jirfdu l-NDCs tagħhom b'oqfsa u azzjonijiet ta' politika domestika robusti u sodi, inkluż sistemi xierqa għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni. JISĦAQ li l-Partijiet kollha, speċjalment l-emittenti ewlenin, iridu jżidu l-ambizzjoni tagħhom kemm fuq perjodu qasir kif ukoll fit-tul u jsaħħu l-azzjoni dwar il-klima, inkluż permezz tal-użu tal-ipprezzar domestiku tal-karbonju.
11. IFAKKAR li f'Ġunju 2022 il-Kunsill qabel dwar il-pożizzjoni tiegħu fuq dawk l-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" <sup>2</sup> li ser jippermettu lill-Unjoni Ewropea timplimenta l-NDC tagħha u tnaqqas l-emissjonijiet netti tagħha tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u tikseb in-newtralità klimatika mhux aktar tard mill-2050, u bl-għan li wara tikseb emissjonijiet negattivi. JINNOTA l-avvanz tal-proċess leġiżlattiv għall-adozzjoni tal-pakkett dwar il-klima s'issa u l-għan li jiġu konklużi b'mod bilanċjat in-negozjati ta' dawn l-elementi essenzjali sa tmiem l-2022. JINSAB LEST, biex mill-aktar fis possibbli wara l-konklużjonijiet ta' dawn in-negozjati jaġġorna, kif xieraq, l-NDC tal-UE u l-Istati Membri tagħha, f'konformità mal-paragrafu 29 tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow biex jirrifletti kif l-eżitu finali tal-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" jimplimenta l-mira ewlenija tal-UE kif maqbula mill-EUCO f'Diċembru 2020.
12. JENFASIZZA l-impenn u l-isforzi tal-UE biex tippromwovi l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli biex tnaqqas kemm il-konsum tagħha tal-fjuwils fossili kif ukoll id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet ta' dawn il-fjuwils mill-Federazzjoni Russa, inkluż permezz tat-tipi ta' miżuri diskussi fil-kuntest ta' REPowerEU biex telimina d-dipendenza tal-UE fuq il-gass mir-Russja u tipprojbixxi l-importazzjonijiet taż-żejt mir-Russja sa tmiem l-2022 filwaqt li tevita li jinħolqu effetti ġodda ta' intrappolament fuq il-fjuwils fossili, biex taċċellera aktar it-tranżizzjoni lejn enerġija ekoloġika fl-UE u tappoġġa l-isforzi tal-UE fit-twettiq tal-ambizzjoni klimatika tagħha.

---

<sup>2</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0550>

13. IFAKKAR fl-impenji kontinwi tal-Istati Membri tal-UE kif maqbula mas-sħab soċjali, u JAPPELLA wkoll lill-Partijiet kollha, biex jintemm l-użu bla waqfien tal-faħam permezz ta' eliminazzjoni gradwali u jitwaqqfu sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni enerġetika <sup>3</sup>, u biex jitwettaq il-Patt Klimatiku ta' Glasgow b'mod li jkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema u l-komunitajiet, u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, inkluż l-għan numru 7 li jiżgura aċċess għal enerġija affordabbli, affidabbli, sostenibbli u moderna għal kulħadd sal-2030. JAGĦRAF is-Sħubijiet għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija (JETP) bħala strumenti importanti biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi billi l-pajjiżi sħab ewlenin jiġu meġġuna jżidu l-ambizzjoni klimatika tagħhom u jimxu fuq perkors li jkun kompatibbli mal-għan ta' 1.5 °C permezz ta' approċċ koordinat tad-donaturi. JILQA' l-impenn tal-Mexxejja tal-G7 li jtemmu l-appoġġ pubbliku dirett għid għas-settur internazzjonali tal-enerġija mill-fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa sa tmiem l-2022, ħlief f'ċirkostanzi limitati definiti b'mod ċar minn kull pajjiż b'mod konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5 °C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u JAPPELLA lill-pajjiżi kollha biex jieħdu impenji simili.
14. JILQA' l-proposta tal-Liġi tal-UE dwar ir-"Restawr tan-Natura" li għandha tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità għall-2030 u l-2050 billi tirrestawra u ttejjeb l-ekosistemi għal status ekoloġiku tajjeb u kemm għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif ukoll għall-adattament għalih, b'mod partikolari permezz ta' riġenerazzjoni tal-ekosistemi tal-UE.
15. JILQA' B'SODISFAZZJON UKOLL ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-UE, li twitti t-triq għal approċċ sostenibbli fit-tul kemm għall-agrikoltura kif ukoll għall-forestrija, li għandha l-għan li tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel globali u tal-UE u li żżid il-kontribut tal-PAK għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Dan għandu jinkiseb billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jittejjeb is-sekwestru tal-karbonju, tiġi promossa l-enerġija sostenibbli, titrawwem il-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija u l-arja, tiġi protetta l-bijodiversità u jiġu restawrati s-servizzi tal-ekosistema. JISĦAQ li ħamrija fi stat tajjeb ta' saħħa u li tkun rikka fil-bijodiversità hija kruċjali sabiex jiġu miġġielda l-isfidi globali ta' żminijietna, b'mod partikolari l-produzzjoni ta' biżżejjed ikel nutrittiv u sikur, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, u t-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità.

---

<sup>3</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6120-2022-INIT/mt/pdf>

16. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2022 dwar id-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima<sup>4</sup> u JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima jirrappreżenta theddida eżistenzjali għall-umanità, inkluż għar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali, li twassal għal effetti negattivi serji għall-komunità internazzjonali kollha kemm hi. ITENNI f'dan ir-rigward l-importanza ta' azzjoni kkoordinata b'saħħitha tal-UE u l-Istati Membri tagħha permezz ta' diplomazija Ewropea attiva dwar il-klima u l-enerġija u l-implimentazzjoni ta' diversi inizjattivi u appelli settorjali u reġjonali, li jirriżultaw ukoll minn Glasgow, li jistgħu jibbenefikaw minn għodod ta' appoġġ reġjonali esterni tal-UE.
17. JENFASIZZA li l-pajjiżi kollha jridu jsaħħu l-isforzi ta' adattament filwaqt li jnaqqsu b'mod urġenti l-emissjonijiet, li huwa l-uniku mod kif il-ħtieġa għal adattament tinżamm fl-limiti maniġġabbli. JINNOTA l-ħtieġa dejjem tikber tal-adattament għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u jilqa' l-opportunità li jinqasmu l-esperjenzi u jittieħdu tagħlimiet mis-sħab dwar approċċi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-impatti klimatiċi. JIRRIKONOXXI l-importanza dejjem tikber għall-Partijiet kollha li jtejbu l-kapaċità ta' adattament tagħhom, li jibnu r-reżiljenza tagħhom u li jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima. JAGĦRAF il-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi speċjali tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u li fil-każ ta' xi wħud minnhom l-eżistenza tagħhom stess qed tiġi mhedda. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet ta' adattament tal-Appell ta' Praga<sup>5</sup>, maqbula fil-Konferenza dwar it-Tfassil ta' Pajsaġġi Reżiljenti f'Settembru 2022.
18. JISSOTTOLINJA r-rwol ċentrali ta' strateġiji u pjanijiet nazzjonali ta' adattament olistiċi, inklużivi u implimentati b'mod effettiv u JENFASIZZA l-ħtieġa li jżied l-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-komunikazzjonijiet rispettivi kif ukoll fil-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-progress tal-azzjonijiet ta' adattament.

---

<sup>4</sup> <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-6120-2022-INIT/mt/pdf>

<sup>5</sup> [https://www.mzp.cz/C125750E003B698B/cz/news\\_20220926\\_prague\\_appeal\\_climate\\_change\\_and\\_biodiversity\\_loss\\_must\\_be\\_tackled\\_together/\\$FILE/The%20Prague%20Appeal%20-%20final.pdf](https://www.mzp.cz/C125750E003B698B/cz/news_20220926_prague_appeal_climate_change_and_biodiversity_loss_must_be_tackled_together/$FILE/The%20Prague%20Appeal%20-%20final.pdf)

19. JENFASIZZA d-dimensjoni internazzjonali tal-adattament fl-Istrateġija ta' Adattament tal-UE, li tenfasizza l-appoġġ tal-UE għar-reżiljenza u t-tnejjija internazzjonali għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz taż-żieda tar-riżorsi finanzjarji internazzjonali, it-tfassil ta' politiki u inċentivi għall-promozzjoni ta' investiment reżiljenti għall-klima, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, appoġġ immirat għall-pajjiżi sħab u l-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima li għadha kif ġiet stabbilita, li tista' tispira azzjoni simili f'pajjiżi oħra.
20. ITENNI li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw lill-pajjiżi sħab biex itejbu l-kapaċitajiet ta' adattament tagħhom għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u t-tnaqqis tar-riskji klimatiċi, pereżempju billi jtejbju s-sistemi ta' monitoraġġ, rappurtar u evalwazzjoni, inkluż it-tishiĥ tal-ħidma fuq data ambjentali aċċessibbli, interoperabbli u affidabbli, u soluzzjonijiet diġitali mmexxija mid-data, inkluż sistemi ta' twissija bikrija, kif ukoll billi javvanzaw il-protezzjoni soċjali, l-assigurazzjoni u mekkaniżmi finanzjarji oħra għall-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-klima fosthom il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. Dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jtejbju l-kapaċitajiet tal-pajjiżi u tal-komunitajiet vulnerabbli li jsaħħu r-reżiljenza tagħhom billi jimmaniġġaw u jnaqqsu r-riskju ta' telf[...] u ħsara[...].
21. JENFASIZZA li t-tibdil fil-klima, permezz ta' perikli, esponiment u vulnerabbiltà, jiġġenera impatti u riskji li jistgħu jirriżultaw ftelf u ħsara ekonomiċi u mhux ekonomiċi fil-pajjiżi kollha. JISĦAQ li ġestjoni komprensiva tar-riskji klimatiċi hija kruċjali għat-tishiĥ tar-reżiljenza fit-tul tal-pajjiżi, tal-popolazzjonijiet vulnerabbli u tal-komunitajiet għat-telf u l-ħsara. JIRRIKONOXXI li l-azzjoni u l-appoġġ għall-pajjiżi vulnerabbli, il-popolazzjonijiet u l-gruppi vulnerabbli jeħtieġ li jiżdiedu aktar. JENFASIZZA r-rwol tas-sorsi privati u pubbliċi fl-għoti ta' appoġġ imsaħħaħ biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima.

22. ITENNI li huwa essenzjali li l-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi kollu kemm hu u għall-bidla lejn ekonomija u soċjetà globali newtrali għall-klima, adattabbli u reżiljenti. JISSOTTOLINJA li l-ħolqien ta' spazju ddedikat biex jiġi diskuss l-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi fi ħdan il-COP27 ser jippermetti lill-Partijiet, lis-settur privat u lil partijiet ikkonċernati oħra jiddiskutu l-fehim tagħhom tal-għan li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima u kif dan jista' jinkiseb, u b'hekk il-pajjiżi jkunu jistgħu jiksbu l-għanijiet ta' mitigazzjoni u adattament tagħhom u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. JENFASIZZA r-rikonnoxximent tal-Ftehim ta' Pariġi li l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji teħtieġ sforz globali u JAPPELLA lill-pajjiżi kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jimmobilizzaw il-finanzjament mis-sorsi kollha biex jappoġġaw l-azzjoni klimatika u jintegraw il-klima fil-flussi finanzjarji kollha. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-ħtieġa għall-promozzjoni ta' finanzjament u investiment sostenibbli li jfittxu sinerġiji bejn il-klima, il-bijodiversità u objettivi ambjentali oħrajn, ITENNI l-importanza ta' rappurtar trasparenti, u JENFASIZZA l-għadd dejjem jikber ta' inizjattivi ta' politika dwar il-klima mid-dinja kollha biex jiġi mobilizzat il-kapital tas-settur finanzjarju u privat fejn huwa l-aktar meħtieġ biex tiġi implimentata azzjoni allinjata mal-Ftehim ta' Pariġi.
23. IFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributor għall-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, u aktar minn irdoppjaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-finanzjament għall-klima biex jappoġġaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-2013. IĠEDDED l-impenn qawwi li ħadu l-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jżidu l-finanzjament internazzjonali għall-klima lejn l-għan tal-pajjiżi żviluppanti li jiżviluppaw mill-anqas ta' USD 100 biljun fis-sena malajr kemm jista' jkun u sal-2025 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, u JISTENNA li l-għan jintlaħaq fl-2023. JAPPELLA lid-donaturi l-oħra biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward f'konformità wkoll mal-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Finanzjament għall-Klima tal-COP26 u JISTENNA B'INTERESS ir-Rapport dwar il-progress fl-10 oqsma ta' azzjoni kollettiva tal-Pjan ta' Implimentazzjoni qabel il-COP27.

24. JISTENNA B'INTERESS il-kooperazzjoni ma' Partijiet oħra sabiex tiġi implimentata s-sejħa tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow biex kollettivament mill-inqas jirdoppja l-provvista tal-finanzjament għall-klima għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw sal-2025 mil-livelli tal-2019, fil-kuntest tal-kisba ta' bilanċ bejn il-mitigazzjoni u l-adattament fil-forniment ta' riżorsi finanzjarji miżjuda.
25. JAPPELLA BIL-QAWWA lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs), l-Istituzzjonijiet tal-Finanzi għall-Iżvilupp (DFIs) u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn biex ikomplu jsaħħu l-isforzi tagħhom, inkluż billi jistabbilixxu miri ambizzjużi ta' finanzjament għall-adattament, jagħmlu użu minn strumenti finanzjarji innovattivi, itejbu l-aċċess għall-finanzjament, u billi jappoġġaw il-parteeċipazzjoni akbar tas-settur privat. JILQA' B'SODISFAZZJON f'dan il-kuntest, it-tmexxija ta' diversi MDBs murija fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-Natura ffirmata fil-COP26 u l-istrateġiji u l-pjanijiet klimatiċi tagħhom, inkluż, fuq quddiem nett, il-Bank Ewropew tal-Investment, kif ukoll il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, u l-Grupp tal-Bank Dinji. ITENNI li l-finanzjament privat għall-klima huwa essenzjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija globali newtrali għall-klima u reżiljenti, bis-settur pubbliku meħtieġ biex jipprovdi inċentivi finanzjarji xierqa, sinjali ta' politika u kondizzjonijiet abilitanti. JIRREFERI għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima qabel il-COP27.<sup>6</sup>

## NIKSBU RIŻULTATI F'SHARM EL-SHEIKH

26. JIFRAĦ u JIRRINGRAZZJA lill-Gvern tar-Renju Unit talli ospita l-COP26 u għall-progress miksub fi Glasgow, JAGĦRAF il-Patt Klimatiku ta' Glasgow bħala pakkett ibbilanċjat, li wassal għal riżultati notevoli fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament u l-mezzi ta' implimentazzjoni. JIRRINGRAZZJA wkoll il-Presidenza Eġizzjana li jmiss tal-COP27, u s-sieħba tagħha, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, għall-ħidma bla heda u d-dedikazzjoni tagħhom fil-perjodu bejn il-COP26 u l-COP27.

---

<sup>6</sup> <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2022/10/04/climate-finance-council-adopted-conclusions-ahead-of-cop27/>

27. JILQA' B'SODISFAZZJON il-ħidma mwettqa fis-Sessjonijiet ta' Ġunju 2022 tal-Korpi Sussidjarji u JISTENNA B'INTERESS l-adozzjoni ta' eżitu komprensiv f'Sharm El-Sheikh, li ser jiżgura rispons globali ambizzjuż għat-tibdil fil-klima, u b'hekk (i) iżomm il-mira ta' 1.5 °C f'pożizzjoni li tista' tintlaħaq, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u fid-dawl tal-aħjar xjenza disponibbli, b'mod partikolari r-rapporti l-aktar reċenti tal-IPCC, u (ii) jibqa' fuq perkors lejn reżiljenza fit-tul. IHEĠĠEGĠ lill-Presidenza li jmiss tal-COP 27 biex tagħti segwitu għall-Inizjattivi ta' Glasgow f'Sharm El-Sheikh.
28. JILQA' B'SODISFAZZJON l-istabbiliment tal-Programm ta' Ħidma dwar il-Mitigazzjoni, il-programm ta' ħidma biex jiżdedu b'mod urġenti l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni ta' mitigazzjoni f'dan id-deċennju kritiku, u JIMPENJA RUĦU li jaħdem b'mod kostruttiv mal-Partijiet biex tintlaħaq deċiżjoni dwar it-tfassil tiegħu għall-konsiderazzjoni u l-adozzjoni mis-CMA4, ibbażat fuq ix-xjenza u li jibni fuq il-Patt Klimatiku ta' Glasgow, b'mod li jikkomplementa r-Rendikont Globali, u jappoġġa ż-żamma tal-mira ta' 1.5 °C flivell li tista' tintlaħaq. JAPPELLA għal programm ta' ħidma li jippermetti lill-Partijiet u lill-partijiet ikkonċernati li mhumieq Partijiet jiskambjaw dwar it-tagħlimiet meħuda, jidentifika sinerġiji, jipromwovi politiki domestiċi robusti, jesplora kif il-politiki settorjali jistgħu jirfdu l-azzjoni u l-ambizzjoni klimatika, u jippermetti lill-pajjiżi jagħmlu progress fl-implimentazzjoni u t-tiżiħ tal-impenji tagħhom. JISSOTTOLINJA li t-tour de table ministerjali annwali ta' livell għoli dwar l-ambizzjoni ta' qabel l-2030, li tibda mis-CMA 4, għandha tinforma u tkun infurmata mill-Programm ta' Ħidma dwar il-Mitigazzjoni, issaħħaħ ir-responsabbiltà, tipromwovi l-kondiviżjoni tal-esperjenza, tipprovdi rakkomandazzjonijiet u tistinka għall-ambizzjoni u l-implimentazzjoni globali f'konformità mal-ilħuq tal-mira ta' 1.5 °C.
29. JISSOTTOLINJA li progress ċar lejn il-Għan Globali dwar l-Adattament huwa kruċjali u għalhekk ser IKOMPLI jappoġġa u jimpenja ruħu b'mod kostruttiv fil-programm ta' ħidma ta' sentejn ta' Glasgow-Sharm El-Sheikh dwar l-Għan Globali dwar l-Adattament, biex jinkiseb fehim aħjar ta' kif tissaħħaħ il-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-protezzjoni tan-nies, l-għajxien u l-ekosistemi, u biex jiġi vvalutat il-progress f'dan ir-rigward.

30. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn kontinwu tal-UE għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tan-Network ta' Santiago biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima malajr kemm jista' jkun u f'konformità mal-proċess stabbilit fi Glasgow[...] biex tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni globali biex tiġi katalizzata assistenza teknika mmexxija mid-domanda ta' organizzazzjonijiet, korpi, networks u esperti rilevanti għall-implimentazzjoni ta' approċċi rilevanti, b'mod partikolari f'pajjiżi u komunitajiet vulnerabbli li qed jiżviluppaw.
31. JISTENNA B'INTERESS il-kontinwazzjoni tad-Djalogu ta' Glasgow fost il-Partijiet, l-organizzazzjonijiet rilevanti u l-partijiet ikkonċernati biex jiġu diskussi arranġamenti għall-finanzjament ta' attivitajiet biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. ITENNI r-rieda tiegħu li jinvolvi ruħu b'mod kostruttiv mal-pajjiżi sħab biex jifhem aktar il-ħtiġijiet tagħhom, fosthom permezz ta' punt ġdid fuq l-aġenda, li jagħmel użu sħiħ mid-Djalogu ta' Glasgow biex isaħħaħ minnufih l-istituzzjonijiet eżistenti li jipprovdu appoġġ biex jiġi evitat, minimizzat u indirizzat ir-riskju ta' telf u ħsara, u biex jingħataw soluzzjonijiet konkreti għall-isfidi f'faċċjati mill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli. F'dan il-kuntest, JILQA' B'SODISFAZZJON l-inizjattiva "Twissijiet Bikrija għal Kulħadd" immedija mis-Segretarju Ġenerali tan-NU bl-oġettiv li tkopri lil kulħadd fid-Dinja b'sistemi ta' twissija bikrija fi żmien ħames snin u l-impenn tal-Mexxejja tal-G7 li jaħdmu lejn Tarka Globali kontra r-Riskji Klimatiċi għal pajjiżi u persuni foqra u vulnerabbli, filwaqt li jibnu fuq is-Sħubija Globali InsuResilience u inizjattivi oħra. JIMPENJA RUĦU li jappoġġa dawn l-isforzi inkluż billi jżid il-Finanzjament u l-Assigurazzjoni għal Riskji Klimatiċi u għal Riskji ta' Diżastri (CDRFI) u jagħmel l-arkitettura globali tas-CDRFI aktar sistemika, koerenti u sostnuta.

32. ITENNI l-importanza ta' Rendikont Globali komprensiv, immexxi mill-iskop u li jħares 'il quddiem biex jirfed iċ-ċiklu ta' ambizzjoni ta' ħames snin tal-Ftehim ta' Pariġi u jżid l-ambizzjoni ta' azzjoni u appoġġ għall-indirizzar kollettiv tat-tibdil fil-klima fid-dawl tal-ekwità u l-aħjar xjenza disponibbli. JENFASIZZA l-ħtieġa li wieħed jibni fuq id-diskussjonijiet u t-tagħlimiet meħuda fl-ewwel djalogu tekniku tar-Rendikont Globali u jiffoka dejjem aktar fuq l-opportunitajiet biex itejbu u jissaħħu l-azzjonijiet u l-appoġġ tal-Partijiet, kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali għall-azzjoni klimatika. JENFASIZZA li l-eżitu[...] tar-Rendikont Globali għandu jinforma u jinċentiva kontinwament azzjoni klimatika ambizzjuża msaħħa, kemm kollettivament kif ukoll individwalment; b'mod partikolari għandu jinkoraġġixxi lill-Partijiet kollha biex maż-żmien jimxu lejn miri ta' mitigazzjoni fl-ekonomija kollha fl-NDCs tagħhom u għan-newtralità klimatika sal-2050 fl-LT-LEDS tagħhom, kif ukoll għal azzjoni msaħħa ta' adattament u ta' mezzi ta' implimentazzjoni, fid-dawl tal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.
33. Filwaqt li l-fokus jeħtieġ li jibqa' fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet fuq livell nazzjonali u ż-żieda fl-assorbimenti, JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-Artikolu 6 għall-faċilitazzjoni ta' aktar ambizzjoni biex jingħalaq id-distakk lejn il-limitazzjoni tat-tiġin globali għal 1.5 C u t-trawwim tal-involviment tas-settur privat fl-azzjoni klimatika, u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u mhux finanzjarji għall-azzjoni klimatika, filwaqt li jaderixxi ma' salvagwardji ekoloġiċi u soċjali, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, u jipproteġi kontra r-riskji klimatiċi. JISSOTTOLINJA li l-premessa indispensabbli hija li jiġi żgurat li l-użu tal-Artikolu 6 jikkontribwixxi għall-għanijiet fit-tul ta' Pariġi, jinkoraġġixxi l-ambizzjoni, l-iżvilupp sostenibbli u jiżgura l-integrità ambjentali. JENFASIZZA l-importanza li l-mekkaniżmi tal-Artikolu 6 jiġu allinjati mill-qrib mal-NDC tal-Partijiet ospitanti, l-LT-LEDS tagħhom u mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u li jiġi ppreservat l-ispazju għal ambizzjoni akbar permezz tal-kondiviżjoni tal-benefiċċji ta' mitigazzjoni fost il-parteċipanti tal-Artikolu 6. JENFASIZZA l-merti tal-implimentazzjoni robusta tal-miżura globali bbażata fuq is-suq tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, CORSIA. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' bini ta' kapaċità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal implimentazzjoni robusta ta' attivitajiet ibbażati fuq is-suq taħt il-Qafas tal-UNFCCC.

34. JISTENNA B'INTERESS li jkompli d-deliberazzjonijiet dwar Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat (NCQG) dwar il-finanzjament għall-klima fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament sinifikanti u t-trasparenza tal-implimentazzjoni, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u fil-kuntest li l-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA li l-NCQG għandu jkun ta' appoġġ fil-bini ta' qafas għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn dinja b'mira ta' tnaqqis ta' 1.5 °C.
35. JISTENNA B'INTERESS ukoll li jiddiskuti, fil-qafas ta' punt ta' aġenda ddedikat ġdid taħt is-CMA fil-COP27, ir-rwol abilitanti ġenerali tal-Artikolu 2.1(c), il-fehim ta' dan l-għan mill-Partijiet u l-partijiet ikkonċernati kollha, u kif dan jista' jinkiseb.
36. HUWA DETERMINAT li jaħdem mal-Partijiet kollha biex:
- Irawwem id-diskussjoni dwar il-futur tal-UNFCCC;
  - Jiddiskuti modi possibbli 'l quddiem biex tiġi implimentata l-azzjoni klimatika fis-settur agrikolu b'mod sostenibbli, filwaqt li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel permezz ta' sistema tal-ikel sostenibbli, abbażi tas-sejbiet tar-rapporti, is-sessjonijiet ta' ħidma u l-konklużjonijiet tal-SB tal-Pjan Direzzjonali tal-Ħidma Konġunta ta' Koronivia dwar l-Agrikoltura (KJWA);
  - Jippermetti l-implimentazzjoni ambizzjuża tal-Programm ta' Ħidma ta' Glasgow dwar l-Azzjoni għal Awtonomizzazzjoni b'rabta mal-Klima (ACE), inkluż billi jikkontribwixxi għal Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-ACE, li jistruttura l-ħidma futura;
  - Jindirizza d-dimensjoni tal-ġeneru biex jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-politiki dwar il-klima u jappoġġa azzjonijiet komprensivi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż bl-implimentazzjoni kontinwa tal-Programm ta' Ħidma msaħħa ta' Lima dwar il-Ġeneri u t-tieni Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru, u t-tlestija tar-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu.

37. JENFASIZZA l-importanza ta' azzjoni minn partijiet ikkonċernati li mhumiex Partijiet, l-inklużjoni tagħhom fil-proċess tal-UNFCCC, u JAPPELLA għall-isforzi ulterjuri tagħhom – inkluż permezz ta' impenji trasparenti li jippermettu r-responsabbiltà, appoġġati minn pjanijiet ta' azzjoni kredibbli – lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u t-tnejn tar-Rendikont Globali, inkluż permezz tal-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali.

## **ORGANIZZAZZJONIJIET U PROĊESSI INTERNAZZJONALI OĦRAJN**

38. JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, it-tniġġis, kif ukoll id-degradazzjoni tal-art, tal-ilma u tal-oċeani huma interkonnessi b'mod qawwi u jsaħħu lil xulxin, u JISĦAQ li dawn jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess biss b'approċċ koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, b'salvagwardji soċjali u ambjentali b'saħħithom, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif definiti mill-ħames Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti. JILQA' B'SODISFAZZJON l-enfasi li saret fuq ekosistemi b'saħħithom għal azzjoni klimatika effettiva fil-Patt Klimatiku ta' Glasgow u JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet biex jinkludu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-NDCs u l-LT-LEDS tagħhom. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu rispettati u protetti d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, kif rifless fil-liġi nazzjonali rilevanti u fi strumenti internazzjonali bħall-UNDRIP u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. JILQA' B'SODISFAZZJON ukoll l-Istrateġija l-ġdida tal-FAO dwar it-Tibdil fil-Klima għall-2021–2030. JAPPELLA għal kooperazzjoni u sinerġiji aktar mill-qrib fost il-Konvenzjonijiet ta' Rio u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali oħra, kif ukoll inizjattivi rilevanti oħra tan-NU u proċessi internazzjonali. JILQA' B'SODISFAZZJON id-diskussjonijiet fil-konferenza ta' Stokkolma+50 li jenfasizzaw l-urġenza għall-azzjoni u l-inklużjoni taż-żgħażaġh, u JHEĠĠI lill-Partijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jagħtu segwitu għall-għaxar rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet biex titħaffef l-implimentazzjoni.

39. JIBQA' IMPENJAT B'MOD QAWWI għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-UNFCCC u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), inkluż l-allinjament mal-Qafas Globali tal-Biodiversità ambizzjuż għal wara l-2020, li għandu jintlaħaq qbil dwaru fil-COP15 f'Diċembru 2022, u d-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistemi, u biex ikomplu javvanzaw il-miżuri għal kobenefiċċji li jsaħħu lil xulxin għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u t-treġġiġh lura tat-telf tal-biodiversità. JIBQA' IMPENJAT UKOLL li jsaħħaħ is-sinerġiji bejn il-UNFCCC u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), il-Forum tan-NU dwar il-Foresti, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-kisbiet tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
40. JIBQA' IMPENJAT li jenfasizza r-rwol fundamentali li għandhom il-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani u tal-ilma u l-ekosistemi b'saħħithom marbutin mal-ilma fir-reżiljenza għall-klima b'mod ġenerali, u l-importanza li ssir ħidma f'konformità mad-Deċennju tan-NU għax-Xjenza tal-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021–2030 u mad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU dwar l-Ilma 2018–2028. JILQA' B'SODISFAZZJON UKOLL id-Dikjarazzjoni "Our Ocean, our future, our responsibility" (L-Oċean Tagħna, il-futur tagħna, ir-responsabbiltà tagħna) adottata mit-Tieni Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani, li saret f'Liżbona f'Ġunju–Lulju 2022, u l-"Brest Commitments for the Oceans" (L-Impenji ta' Brest għall-Oċeani) li saru fis-Summit "One Ocean" fi Frar 2022.
41. JENFASIZZA l-interrelazzjoni bejn it-tibdil fil-klima u d-drittijiet tal-bniedem. F'dak il-kuntest, JILQA' B'SODISFAZZJON l-adozzjoni tal-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tibdil fil-Klima.

42. JISTIEDEN lill-Istati Membri kollha tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) biex jiżguraw li l-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu jagħtu kontribut ġust u ambizzjuż biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod li jiżgura l-integrità ambjentali, ma jwaqqafx lill-istati milli jieħdu azzjoni aktar ambizzjuża, fejn għandhom jiġu evitati l-għadd doppju, u kwalunkwe piż doppju materjali li jirriżulta inkluż spejjeż, kif ukoll distorsjoni tal-kompetizzjoni fuq rotot jew il-kummerċ, filwaqt li JAPPELLA wkoll lill-ICAO u lill-OMI biex ikomplu jirrappurtaw dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-klima skont il-UNFCCC. IFAKKAR li r-rapport tal-AR6 tal-Grupp ta' Ħidma III jidentifika l-avjazzjoni u t-tbaħħir internazzjonali bħala setturi fejn hija meħtieġa aktar azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. JINKORAĠĠIXXI b'mod partikolari lill-OMI biex tavvanza l-ħidma tagħha għall-implimentazzjoni ta' miżuri fuq terminu medju u twil, u biex tirrevedi l-istrateġija inizjali tal-OMI dwar il-gassijiet serra bil-ħsieb li jiġu eliminati gradwalment l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu internazzjonali sa mhux aktar tard mill-2050 wara perkors konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u JILQA' B'SODISFAZZJON il-fatt li fil-41 Assemblea tal-ICAO ntlaħaq qbil dwar mira ambizzjuża fit-tul għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali.